GWU

# Ir-Reazzjoni Uffiċjali **tal-General Workers' Union** għall-Baġit 2021



# Ir-reazzjoni uffiċjali tal-GWU għall-Baġit 2021, hekk kif approvata mill-Kunsill Nazzjonali tal-GWU

# Reżiljenza Ekonomika frott l-Għaqal tal-Gvern

GWU

# TISĦIĦ EKONOMIKU

Il-GWU tinnota b'mod pożittiv il-miżuri mnedija mill-Gvern fil-baġit 2021 biex inkomplu nkattru l-fiduċja fl-ekonomija Maltija ħalli pajjiżna jerġa' jkompli jgawdi mit-tkabbir ekonomiku hekk kif il-pandemija tiġi solvuta fi żmien li ġej. Il-fiduċja illi l-Gvern nieda fl-ekonomija Maltija wassal biex fl-2019 pajjiżna reġa' rreġistra surplus fiskali ta' 0.5% tal-prodott gross domestiku (PGD), bid-dejn nazzjonali jlaħħaq l-44% tal-PGD. It-tkabbir ekonomiku beda jinħass anke fil-but tal-ħaddiema tagħna tant illi kienet irreġistrata żieda reali fil-pagi ta' 8.4%. meta fl-istess ħin il-qgħad irreġistrat kien ta' 4.4%, l-anqas rata ta' qgħad li pajjiżna qatt irreġistra.



Pajjiżna rnexxielu jsaħħaħ diversi setturi ekonomiċi li ħallew valur miżjud qawwi fl-ekonomija tagħna. L-iskema tal-IIP kompliet tniedi likwidità b'saħħitha bl-għan illi pajjiżna jista' jkollu fond b'saħħtu ta' investiment illi tant sibnieh bżonnjuż f'dan il-mument kruċjali. Fl-istess waqt is-settur tal-proprjetà kompla jikkontribwixxi valur miżjud għoli peress illi l-investiment minn dan l-aspett baqa' b'saħħtu ħafna.

Is-settur tat-Turiżmu kien ukoll mutur ewlieni fl-ekonomija tagħna tant illi matul l-2019 waslu f'Malta b'aktar minn 2.7 miljun turist. Dan kellu fuq kollox effett pożittiv fuq iż-żieda ta' aktar impjiegi f'dan is-settur. Dan it-tkabbir ekonomiku wassal ukoll biex pajjiżna rreġistra żidiet kbar fil-parteċipazzjoni tal-ħaddiema, l-aktar ħaddiema nisa. It-tkabbir ekonomiku seta' biss jiġi sostnut bl-għaqal tal-ħaddiema tagħna u fl-istess ħin iż-żieda fil-konsum domestiku kien għan ewlieni fit-tkabbir reali ta' diversi setturi ekonomiċi tal-pajjiż.

Iż-żieda fil-valur miżjud f'dawn is-setturi ta' pajjiżna wassal biex il-Gvern seta' jkompli jżid id-dħul tiegħu mingħajr ma jiżdiedu t-taxxi tal-pajjiż. Apparti s-settur tat-Turiżmu, l-ekonomija Maltija kompliet miexja 'l quddiem bid-diversifikazzjoni wiesgħa f'diversi setturi ekonomiċi. Is-Servizzi Professjonali u s-Servizzi Finanzjarji fosthom is-settur tal-ICT kienu wkoll minn ta' quddiem

fil-kreazzjoni tal-ġid u l-valur miżjud tal-pajjiż. Sena wara sena pajjiżna baqa' jirreġistra surplus fiskali u dan meta fl-istess żmien il-pajjiż għandu l-inqas rata ta' qgħad u bl-inflazzjoni rreġistrata tibqa' sew taħt it-2%.

L-isfida tal-Pandemija poġġiet responsabbiltà kbira fuq il-Gvern biex jassigura illi l-fiduċja murija mill-operaturi ekonomiċi fil-kreazzjoni tal-investiment tibqa' intatta kemm jista' jkun. L-industriji vulnerabbli riedu jiġu megħjuna biex nissalvagwardjaw kemm jista' jkun l-impjiegi f'kull settur. L-għan ewlieni ried ikun illi dawk l-aktar milquta fosthom ħaddiema li l-post tax-xogħol tagħhom kellu jagħlaq jew ix-xogħol waqaf kompletament isibu spalla fl-għajnuna mogħtija mill-Gvern. Però dan kollu seta' jintlaħaq biss jekk il-Gvern kellu riżorsi finanzjarji b'saħħithom biex jilħaq dawn l-oġġettivi. Ir-riżultati finanzjarji illi l-Gvern irreġistra f'dawn l-aħħar snin kienu għalhekk iċ-ċavetta ta' suċċess biex pajjiżna seta' jilqa' għal din il-problema bl-aħjar mod. Fl-istess ħin il-Gvern poġġa fuq quddiem nett investimenti kbar fis-settur tas-saħħa biex ikun jista' jlaħħaq ma' kull eventwalità li setgħet toħloq din l-isfida tal-pandemija.

Din is-sena finanzjarja (2020) poġġiet sfidi ekonomiċi kbar f'pajjiżna li żgur irrikjedu miżuri finanzjarji b'saħħithom biex pajjiżna jkun jista' jerġa' jirritorna għal-livelli ekonomiċi ta' qabel il-covid mill-aktar fis. Fl-ewwel tmien xhur tal-2020 pajjiżna ra tnaqqis fid-dħul rikorrenti ta' aktar minn 21%, b' defiċit annwali li ser ilaħħaq id-9% tal-PGD. L-inċentivi fiskali u d-differiment fil-pagamenti tat-taxxi wassal biex il-Gvern daħħal anqas taxxi diretti bi tnaqqis ta' 22% u VAT bi tnaqqis ta' 27%. Fl-istess ħin però pajjiżna baqa' għaddej fl-investiment infrastrutturali b'ritmu mgħaggel fosthom l-investimenti kbar fit-toroq tagħna. Bi dħul proġettat ta' tnaqqis minn 6% ta' 2020 u fl-istess ħin żieda fin-nefqa tal-pajjiż ta' aktar minn 19% irrikjeda sforz mill-partijiet soċjali kollha biex flimkien ikunu spalla mal-Gvern fl-implementazzjoni ta' kull miżura neċessarja fl-indirizzar ta' kull sfida ekonomika f'dan iż-żmien hekk sensittiv. Il-GWU kienet minn ta' quddiem nett biex tassigura l-akbar appoġġ lill-Gvern f'dan il-perjodu ta' sfida.



# INĊENTIVI FISKALI U MIŻURI DIRETTI



Il-GWU tilqa’ b’mod pożittiv id-diversi miżuri mħabbra f’dan il-baġit li minkejja l-isfidi msemmija aktar ’il fuq, qed iwasslu biex inkomplu ninvestu fl-investimenti u l-infrastruttura tal-pajjiż u nkunu ppreparati għal perjodu meta l-ekonomija Maltija terġa’ tibda tirpilja. L-inċentivi fiskali mħabbra fosthom it-tnaqqis fil-boll għat-trasferiment tan-negozju bejn il-membri tal-familja, l-aġġevolament fit-threshold tal-VAT għan-negozju ż-żgħir u inċentivi aħjar għall-introduzzjoni tal-pensjonijiet privati huma kollha miżuri li jinċentivaw il-fiduċja fl-investiment.

L-inċentivi fiskali jridu jittieħdu wkoll fil-kuntest tal-miżuri diretti li l-Gvern nieda biex tiġi indirizzata l-pandemija. L-inċentiv tal-vouchers kemm dawk illi ngħataw diġà u dawk li ser jerġgħu jingħataw qed jassigura nefqa diretta fl-industriji l-aktar vulnerabbli li ntlaqtu bil-COVID-19. Fl-istess waqt qed jingħata nifs finanzjarju lejn industriji illi jibqgħu joperaw minkejja t-tbatijiet li jkunu għaddejjin minnhom. Il-COVID Wage Supplement li ser jiġi estiż sa Marzu 2021 ukoll ser jagħti nifs ieħor lill-industriji vulnerabbli biex jiġu ssalvagwardjati l-impjiegi bl-aħjar mod possibbli. Fil-kuntest tal-fondi strutturali Ewropej li l-Gvern irnexxielu jinnegozja, liema pakkett jaqbeż iż-żewġ biljun ewro, qed jiġu allokati fondi importanti ta’ aktar minn Euro 120 miljun biex jiġu megħjuna ħaddiema li jkunu ntlaqtu negattivament mill-pandemija.

# DINJA TA' XOGĦOL

Il-GWU tkompli tisħaq li għandha tiltaqa' l-Low Wage Commission mill-aktar fis biex jibda l-istudju dwar l-għoli tal-ħajja, kif maqbul fl-2017 bejn is-sħab soċjali flimkien mal-Gvern. Dan bl-iskop li nibdew niddiskutu kif nistgħu ntejbu l-kejl u l-basket li tinħadem fuqu.

Il-GWU ilha għal ħafna snin tressaq 'il quddiem il-proposta biex f'diversi setturi tal-ekonomija għandu jkun hemm strateġija nazzjonali. Huwa ferm pożittiv li l-pajjiż ser ikun qed ivara strateġija nazzjonali għall-iżvilupp tat-turiżmu bbażata u msejsa fuq sostenibbiltà u kompetittività u li jimmiraw għal aktar kwalità.
Il-GWU hija wkoll sodisfatta bit-tkomplija ta' twettiq tal-wegħda elettorali li jingħata lura f'leave il-btajjel u l-festi pubbliċi li jaqgħu fi tmiem il-ġimgħa u li kienu ttieħdu lill-ħaddiema fi żmien amministrazzjoni Nazzjonalista. Is-sena dieħla l-ħaddiem ser ikun qed igawdi minn erbat ijiem leave addizzjonali mal-leave annwali tiegħu. Tajjeb li nfakkar li din kienet ġlieda li għamlet il-GWU għal diversi snin weħidha. Din il-miżura ser tkompli ttejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-familji kollha.

Pass ieħor importanti lejn it-twettiq tal-ġustizzija, hija li l-Gvern ser ikompli jindirizza inġustizzji tal-imgħoddi u madwar 8,000 benefiċjarju jew il-werrieta tagħhom, fosthom l-eksħaddiema tax-xatt, il-ħaddiema tal-electricity u gas boards ser jirċievu pagament ieħor biex jiġu indirizzati dawn l-inġustizzji.

Żgur li l-GWU tilqa' l-proposta għall-kumpens lil-eksimpjegati tat-Tarzna li mardu b'mard relatat mal-Asbestos. Il-GWU qiegħda kontinwament taqsam informazzjoni mal-Ministeru tal-Finanzi biex jiġi stabbilit in-numru ta' ħaddiema involuti u naslu għal ftehim fuq kumpens xieraq li għandhom jingħataw dawn il-persuni jew il-werrieta tagħhom.

Barra l-proposti li nieda fil-baġit, il-Gvern ħa diversi proposti oħra li l-GWU ilha taħdem fuqhom u/jew li ressqet f'baġits precedenti.





Fil-fatt il-Gvern ser jorganizza erba' workshops fi ħdan l-Employment Relations Board biex is-sħab soċjali flimkien niddiskutu dawn il-proposti dwar id-dinja tax-xogħol. Fost it-temi li ġew proposti mill-GWU u li ġew inklużi huma l-forom ġodda tax-xogħol, il-platform work jew online platforms, il-bilanċ bejn il-ħin tax-xogħol u l-ħajja privata, remote working, ir-Right to Disconnect u l-ħlas ugwali għax-xogħol tal-istess valur.

Tema oħra li ser niddiskutu huwa qafas leġiżlattiv għat-teleworking, remote working, arranġamenti tax-xogħol flessibbli. Fil-proposti li ressqet il-GWU talbet li jkun hemm tisħiħ ta' qafas legali li jirregola din il-ħidma biex id-drittijiet miksuba ma jintilfux.

Proposta oħra li ressqet il-GWU u li ser tiġi diskussa waqt dawn il-working groups hija dik dwar il-protezzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-Ħaddiema u l-Investiment tal-imprendituri f'każi ta' kriżi straordinarja bħalma hi l-pandemija. L-interess tagħna huwa li f'kull post tax-xogħol ikun hemm riserva likwida biex parti mill-pagi jkunu koperti għal perjodu ta' zmien. Nemmnu li din il-proposta għandha tkun ta' benefiċċju għall-ħaddiema kollha.

Fl-istess ħin il-miżuri diretti biex ikompli jiġi msaħħa s-suq tax-xogħol fosthom bit-tkomplija u t-tisħiħ tal-In-work Benefit anke għall-koppji li jaħdmu huma pożittivi ferm f'qasam fejn l-impjiegi tal-pajjiż iridu jkomplu jissaħħu.

Miżura oħra li ser tagħti nifs il-ħaddiema hija it-tax refunds li se jerġgħu jingħataw u din id-darba wkoll b'rati miżjudin. Żgur li l-GWU taqbel mal-principju li l-ogħla valuri jingħataw lil min għandu l-aktar dħul baxx.

Fuq nota oħra l-GWU tinsab ferm diżappuntata li għal darba oħra ma ġewx inklużi fil-baġit iż-żewġ proposti tagħna dwar li kull ħaddiem ikun imsieħeb fi trade unjon tal-għażla tiegħu fejn ma semmiet imkien u l-ħlas ugwali għal xogħol tal-istess valur.

Il-GWU tesiġi aktar minn qatt qabel biex dawn iż-żewġ prinċipji jidħlu fis-seħħ.

# IS-SUQ TAL-PROPRJETÀ



Dan il-baġit poġġa fuq quddiem nett inċentivi importanti fis-settur tal-proprjetà. Din hija industrija li timpjega ħafna nies, tħalli valur miżjud kbir fil-pajjiż u fl-istess ħin tolqot nies vulnerabbli fix-xiri jew kiri tal-proprjetà tagħhom. Iż-żieda fl-eżenzjoni tal-boll għall-valur ta' proprjetà li tistma Euro 200,000, it-tkomplija fit-tnaqqis tal-boll għax-xiri tat-tieni proprjetà, inċentivi fejn jirrigwardja tnaqqis tal-boll għall-proprjetà li tinxtara fil-Gżira Għawdxija, l-inċentivi fil-boll għall-proprjetà li tinxtara fiz-zona UCA u t-tijib fl-inċentiv tat-tnaqqis tal-boll għal min jiret il-proprjetà li jkun qed jgħix fiha, huma kollha miżuri li mhux biss iżidu l-attività f'dan is-settur (tant illi l-estate agents irrimarkaw żieda fil-konvenji u kuntratti f'dan il-perjodu) imma jkomplu jsostnu sostenibbiltà f'din l-industrija tant importanti għal pajjiżna.

# L-EKONOMIJA ĦADRA

Il-miżuri diretti biex tiġi inċentivata l-Ekonomija Ħadra huma ferm pożittivi biex inkunu nistgħu nassiguraw titjib reali fil-kwalità tal-ħajja tal-poplu tagħna. Il-Gvern qed juri rieda b'saħħitha biex pajjiżna jaqleb fuq enerġija nadifa, inkluż investimenti f'mobilità mħaddma minn enerġija nadifa. Huwa ferm pożittiv l-enfasi fuq aktar investimenti fejn jirrigwardja l-immaniġjar tal-iskart. Dan kollu għandu jwassal għal arja aktar nadifa b'enfasi mill-Gvern li jżied spazji ġodda u miftuħa fil-pajjiż għat-tgawdija tal-pubbliku. L-inċentivi fiskali biex issir il-qalba f'vetturi li jaħdmu b'enerġija nadifa, fosthom it-tkomplija tal-iskemi tal-iskrapp u inċentivi biex jonqsu l-karozzi fit-toroq l-aktar matul il-ġimgħa, għandhom iwasslu għal investiment kwalitattiv fl-ekonomija tagħna. Dan għandu jwassal ukoll lejn kreazzjoni ta' investimenti f'industriji ġodda biex ilaħħqu mad-domanda rikjesta f'dan l-ambitu. Fl-istess ħin pajjiżna jkun jista' jassigura kwalità aħjar fis-saħħa tagħna li għandu eventwalment iwassal għall-anqas pressjoni fil-qasam tas-servizzi tas-saħħa fit-futur.

Għandu jkun l-għan ewlieni tal-Gvern flimkien ma' kull organizzazzjoni Nazzjonali biex flimkien inħeġġu aktar in-nies jgħixu stil ta' ħajja b'saħħitha. L-oġġettiv premarju huwa li ngħozzu l-ħajja ta' kull persuna u t-tieni oġġettiv huwa li nnaqqsu l-pressjoni minn fuq is-sistema tas-saħħa. Għaldaqstant il-GWU kienet tistenna li jkun hemm aktar inċentivi biex in-nies tikkonsma aktar ikel tajjeb għas-saħħa.



# MIŻURI SOĊJALI

Il-GWU tilqa' ferm pożittiv il-miżuri soċjali mnieda f'dan il-baġit, liema miżuri ma ġewx imnedija għas-skapitu taż-żieda fit-taxxi tal-pajjiż. Iż-żieda fil-pensjonijiet li tlaħħaq il-Euro 5 fil-ġimgħa, żieda għall-anzjani li ma jikkwalifikawx għall-ebda pensjoni, l-aġġornar tal-għajnuna supplimentari, il-ħruġ għal darba oħra tal-Government Savings Bonds għall-pensjonanti għandhom ikomplu jtejbu b'mod reali l-livell tal-għajxien ta' dan is-settur vulnerabbli tal-pajjiż. Pass ieħor importanti huwa l-aġġornar ta' tifsira ta' armla fil-provvidimenti tal-liġijiet dwar l-Unjoni Ċivili u dwar il-Koabitazzjoni.

It-titjib fil-benefiċċji tat-tfal, żieda fl-għajnuna għat-tfal li qegħdin taħt ordni ta' protezzjoni, l-għotja għal koppji li jaddottaw lokalment, iż-żieda fl-assistenza għal dawk li għandhom diżabbiltà severa, iż-żieda fit-tqassim tal-mediċini b'xejn, it-tisħiħ fl-għoti tal-Linja Card għall-anzjani tagħna huma kollha miżuri li pproponiet il-GWU fid-dokumenti ta' qabel il-baġit, miżuri diretti biex nassiguraw livell aħjar ta' għajxien għal min verament qiegħed fl-istrata l-aktar 'l isfel tas-soċjetà.

Proposta oħra interessanti hija t-titjib fl-inċentivi fiskali għal pensjonijiet privati. Dawn l-inċentivi jkopru kemm dawk fejn individwi jinvestu f'pensjoni privata magħrufa bħala Third Pillar Pension Scheme, kif ukoll lil min iħaddem li joffru skema volontarja u mhux kontributorja min-naħa tal-impjegat. Is-sena dieħla ser ikun aktar ta' benefiċċju li ħaddiema jinvestu fil-Voluntary Occupational Pension Scheme billi ser jiżdied l-ammont ta' investiment finanzjarju annwali li fuqu hemm eżenzjoni ta' taxxa b'€1,000.





## TISĦIĦ FL-INVESTIMENT

Il-GWU ser tibqa' toffri l-għajnuna kollha neċessarja biex ikompli jiġi msaħħaħ l-investiment ta' pajjiżna. Dan il-baġit qed jagħti viżjoni ċara anke f'dan ir-rigward. L-investiment fl-infrastruttura industrijali qed jitpoġġa bħala mira ewlenija b'investiment allokat ta' Euro 450 miljun fuq medda ta' seba' snin. Fl-istess ħin il-Gvern qed juri rieda b'saħħitha biex ikompli jattira investiment barrani dirett, liema investiment kien ferm importanti fil-kreazzjoni tal-ġid li pajjiżna gawda f'dawn l-aħħar snin, investiment li ma ġiex b'kumbinazzjoni imma għax il-Gvern ħoloq klima ta' fiduċja li kienet attraenti għall-investituri biex jikkonsidraw lil pajjiżna fil-pjanijiet tagħhom.

## RIKOPERU EKONOMIKU

Meta wieħed iħares lejn il-pakkett finanzjarju mħabbar fil-baġit, l-inċentivi fiskali u l-miżuri soċjali flimkien mal-inċentivi finanzjarji kbar illi l-Gvern diġà nieda biex jilqa' għall-pandemija għandhom iwasslu għal rikoperu ekonomiku mill-aktar fis. Il-Gvern qed iniedi miżuri li jolqtu setturi differenti fis-soċjetà. Iż-żgħażagħ qed jiġu megħjuna kemm fl-edukazzjoni u x-xiri tal-proprjetà, il-ħaddiema qed jiġu megħjuna bi skemi li jipproteġu l-pagi tagħhom, il-pensjonanti qed jingħataw diversi inċentivi mhux biss biż-żieda fil-pensjoni imma anke bl-iskema tal-Green Bonds.

Il-Gvern fl-istess ħin qed ikompli jżid in-nefqa fis-saħħa, anke permezz ta' aktar mediċini b'xejn u kura aktar speċjalizzata lejn il-kanċer u mard kroniku ieħor. Il-Gvern nieda anke f'dawn iċ-ċirkostanzi investimenti kbar fejn jirrigwardja l-investiment fil-pajjiż. Fuq kollox l-investiment fl-infrastruttura tal-pajjiż anke dik relatata mal-industrija l-ħadra baqa' oġġettiv ewlieni fl-allokazzjoni ta' dan il-baġit. L-industrija tat-turiżmu anke bl-impenn f'dan il-baġit biex tibqa' tiġi megħjuna l-Air Malta huwa wkoll mira importanti li jirrikjedi l-involviment ta' setturi importanti biex din l-industrija terġa' tirpilja mill-aktar fis. Fl-istess ħin is-settur finanzjarju għandu jkompli jiġi msaħħaħ b'miżuri importanti li l-Gvern qed iniedi fil-qasam ta' aktar Governanza tajba fl-istituzzjonijiet ta' pajjiżna. Ir-riformi strutturali li pajjiżna għaddej minnhom fosthom ir-riformi fil-ġustizzja u anke inċentivi diretti biex ikompli jiżdied il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fid-dinja tax-xogħol għandu jpoġġi kuraġġ kbir biex naraw lil pajjiżna fuq quddiem nett fil-kreazzjoni tal-investiment u l-ġid fil-pajjiż.

# KONKLUŻJONI

Dan il-baġit li hu r-raba' wieħed din is-sena jeħtieġ li jittieħed fil-kuntest ta' pandemija li waslet għal tnaqqis drastiku fil-PGD. Id-diversi miżuri proposti għal titjib fil-kwalità tal-ħajja u li ma kien hemm l-ebda żieda ta' taxxi u l-fatt li d-dejn ser jibqa' taħt it-treshold ta' 60% tal-PGD skont it-Trattat ta' Maastricht huwa ferm pożittiv. Dan ifisser li reżiljenza ekonomika frott l-għaqal tal-Gvern qed jiġi indirizzat lejn setturi tal-ekonomija l-aktar vulnerabbli fil-pajjiż filwaqt li jwieżen dawk il-faxex tas-soċjetà l-aktar vulnerabbli. Fl-istess ħin dan il-baġit qed jagħti direzzjoni sostennibbli lill-ekonomija Maltija b'investimenti sostanzjali fosthom fis-settur tas-saħħa, l-infrastruttura tal-pajjiż, l-infrastruttura industrijali u fl-ekonomija ħadra.

Il-miżuri ekonomiċi, industrijali, soċjali u ambjentali proposti nemmnu li huma ntiżi biex il-fiduċja illi pajjiżna kien qed igawdi minn kull settur fis-soċjetà ma jintilifx għas-skapitu ta' riċessjoni li tista' tweġġa' lil ħafna ħaddiema, pensjonanti u postijiet tax-xogħol. Dan mingħajr mal-Gvern jiddejjen ħafna għax jitfa' piż kbir fuq l-finanzi tal-pajjiż.

Is-sena dieħla għandha tkun waħda kruċjali għal pajjiżna u soċjetà Maltija. Il-ħruġ tal-vaċċin, it-tibdil f'dinja ta' xogħol għandu jkompli jwassal għal normalità ġdida.

Fuq kollox sodisfatti li l-baġit qiegħed jagħti sigurtà, stabbiltà, serħan il-moħħ u fiduċja li huma tant meħtieġa f'dan iż-żmien ta' kriżi globali.



# APPENDIĊI 1

Stqarrija għall-istampa maħruġa nhar id-19 ta' Ottubru 2020.

**Reżiljenza Ekonomika frott l-Għaqal tal-Gvern**

Il-GWU turi l-apprezzament tagħha lejn l-għaqal Ekonomiku flimkien mad-dixxiplina fiskali li l-Gvern nieda fl-Ekonomija tul dawn l-aħħar snin. Il-Gvern qed jerġa' jipproġetta baġit mingħajr żieda fit-taxxi. Dan minkejja l-problemi ekonomiċi kbar li d-dinja qed taffaċċja bħalissa minħabba l-pandemija.

Is-surplus fiskali li kien riżultat dirett tal-involviment tas-settur privat frott tal-fiduċja li l-Gvern nieda fl-ekonomija tal-pajjiż wassal biex il-Gvern seta' jaffaċċja din l-kriżi ekonomika frott il-pandemija bi stimulu finanzjarju li pajjiżna qatt ma ra bħalu. Id-deficit ipproġettat għandu jwassal għal aktar investiment fil-pajjiż tant illi huwa pprogettat tkabbir ekonomiku fl-2021 ta' 5% f'termini reali. Fl-istess ħin, il-Gvern nieda finanzi qawwija fis-settur tas-saħħa biex pajjiżna jkun jista' jaffaċċja din il-pandemija.

Il-GWU tinnota diversi miżuri illi l-Gvern nieda f'dan il-baġit li kollha jpoġġu fuq quddiem nett it-tisħiħ fil-qasam tax-xogħol. It-tkomplija tal-Covid Wage Supplement, iż-żieda fl-Inwork Benefits, miżuri proposti mill-GWU fid-dokument ta' qabel il-baġit, taw riżultat ferm pożittiv biex il-livell tal-qgħad reġistrat frott il-pandemija kien wieħed mill-anqas dawk reġistrati fl-Unjoni Ewropea. Fl-istess waqt, il-Gvern kompla nieda riformi ferm importanti fil-qasam tal-Governanza tant illi pajjiżna ser ikun jista' jkompli jsaħħaħ is-settur finanzjarju tal-pajjiż b'regoli moderni ta' Governanza li tant huwa importanti biex nassiguraw settur ta' eċċellenza f'dan ir-rigward.

Il-baġit ser ikompli jwieżen dawk il-faxex l-aktar vulnerabbli tas-soċjetà fosthom pensjonanti, persuni b'diżabilità b'żieda fil-pensjonijiet u l-benefiċċji soċjali. Iż-żgħażagħ qed jiġu megħjuna bit-tkomplija tal-first time buyers ukoll, bit-tkomplija tal-iskemi fejn tidħol il-taxxa tal-boll flimkien mal-għajnuniet li diġà qed jingħataw meta jittieħed self mill-bank.

Il-baġit kien ferm pożittiv ukoll fil-qasam tal-ambjent b'investimenti pproġettati fl-immaniġġjar tal-iskart u l-immaniġġjar tal-plastik. Il-Gvern mhux biss ma żiedx taxxi imma qed jirnexxilu jassigura riformi kbar biex l-iżvilupp ekonomiku jkun akkumpanjat mat-tisħiħ fl-ambjent li qed ngħixu fih. Il-GWU hija ferm sodisfatta illi l-Gvern laqa' l-proposti tagħha biex ikompli jindirizza l-inġustizzji relatati mal-eksħaddiema tax-xatt, il-gas board, l-electricity board, l-overtime tal-pulizija. Issa l-gvern ser jikkumpensa wkoll l-eksħaddiema tat-Tarzna li mardu b'mard relatat mal-asbestos. Barra dan kollu huwa ta' sodisfazzjon ukoll li l-proposta tagħna dwar ix-xogħol remote l-Gvern ser jinċentiva lil min iħaddem biex joffru miżuri li għandhom iwasslu għal bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.

Il-GWU turi sodisfazzjon illi dan il-baġit ser ikompli jniedi d-direzzjoni b'saħħitha fl-ekonomija bl-investimenti neċessarji fl-infrastruttura, fosthom investimenti kbar fil-qasam tat-toroq, l-industrial estates, bini ta' Skejjel u l-Housing Estates ġodda fil-pajjiż. Il-pajjiż irid ikun preparat biex jilqa' għat-tkabbir ekonomiku li huwa mistenni fis-snin li ġejjin, mhux biss meta d-dinja medika ser issib il-vaċċin kontra l-Covid 19 imma frott ir-riżultat tal-istimulu ekonomiku li l-Gvern nieda f'dawn ix-xhur. Il-fondi strutturali Ewropej li l-Gvern irnexxielu jinnegozja wkoll ser ikompli jwassal biex t-tkabbir ekonomiku li rajna fil-passat ikompli jiġi sostnut fil-futur.

Fuq kollox sodisfatti li l-baġit qiegħed jagħti sigurtà, stabbiltà, serħan il-moħħ u fiduċja.